Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,752, 25 ta' Lulju, 1980
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XXIII ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikulużi, Kap. 161.

ACT No. XXIII of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 161.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

25 ta' Lulju, 1980

ATT Nru. XXIII ta' l-1980

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 161.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikuluż, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikuluż, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-liġi prinċipali, minflok it-tifsira ta' 'qanneb Indjan' għandu jidħol dan li ġej:

" 'qanneb Indjan' tfisser kull pjanta tal-ġeneru *Cannabis* u kull parti minn dik il-pjanta, iżda ma tinkludix fibra jew żerriegħa li tkun ġiet magħmula mhux tajba biex tiżviluppa f'xi pjanta oħra bħal dik;".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali.

3. Minflok l-artikolu 8 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. Ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min —

(a) ikollu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn dawn il-Gżejjer jew mill-ibħra territorjali tagħhom), ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jew

(b) jipproduċi, ibiegħ jew xort'oħra jittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jew

(ċ) jikkoltiva l-pjanta *Cannabis*; jew

(d) ikollu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn dawn il-Gżejjer jew mill-ibħra territorjali tagħhom) il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha); jew

(e) ibiegħ jew xort'oħra jittraffika fil-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha).".

4. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar. Emenda ta' l-artikolu 21 tal-liġi prinċipali.

5. L-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja skond kif jordna l-Avukat Ġenerali, u jekk tinsab ħatja teħel, għal kull reat —

(a) meta tinsab ħatja mill-Qorti Kriminali priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira iżda mhux iżjed minn għaxart elef lira; jew

(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati —

(i) fil-każ ta' l-ewwel reat, barra minn meta tinsab ħatja ta' reat taħt il-paragrafu (b), (ċ) jew (e) ta' l-artikolu 8, multa ta' mhux inqas minn mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlitt xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

u

(ii) fil-każ li tinsab ħatja ta' reat taħt il-paragrafu (b), (ċ) jew (e) ta' l-artikolu 8, u fil-każ li tinsab ħatja t-tieni darba jew drabi oħra wara priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn erba' snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira;

u f'kull każ li persuna tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett hekk ikkonfiskat għandu, jekk il-Qorti hekk tordna, jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdut fl-ordni:

Iżda meta l-Avukat Ġenerali jew il-Qorti, skond il-każ, ikunu sodisfatti li min jagħmel ir-reat ma jkunx persuna li tikkoltiva, tipproduċi, tbiegħ jew xort'oħra tittraffika f'xi mediċina, u r-reat jikkonsisti biss fil-pussess ta' mediċina perikoluża għall-użu ta' min jagħmel ir-reat biss, jew ta' strumenti għal dak l-għan, jew jikkonsisti fitteħid ta' xi mediċina bħal dik —

(i) kull persuna bħal dik ma għandhiex titressaq quddiem il-Qorti Kriminali u ma tkunx suġġetta għall-priġunerija, u

(ii) meta xi persuna kif intqal qabel tkun, fiddata li fiha jkun magħruf li sar ir-reat, reġistrata bħala persuna li tkun qed tirċievi kura għal dipendenza fuq mediċini, f'dak il-mod u skond dawk l-arranġamenti li jkunu saru mill-Ministru responsabbli għas-saħħa, u tkun ċertifikata taħt dawk l-arranġamenti li tkun qed tagħmel il-kura preskritta lilha, dik

il-persuna tkun eżentata minn kull piena dwar kull wieħed mill-imsemmija reati li jkunu saru waqt li tkun reġistrata kif intqal qabel.

(3) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja jkun, jew ikollu x'jaqsam ma', koltivazzjoni ta' pjanta f'għalqa, ġnien jew xi post ieħor bħal dan, il-Qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-proprjetà kollha immobbli li fiha jkun sar ir-reat kif deskritt fl-att ta' l-akkuża jew fl-akkuża:

Iżda meta ebda waħda mill-persuni misjuba ħatja kif intqal qabel ma tkun il-proprjetarju assolut jew komproprjetarju jew propretarju suġġett għall-użufrutt tal-proprjetà immobbli, u tkun għand min jagħmel ir-reat b'xi titolu ieħor, il-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' dak it-titolu favur il-Gvern."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Meta reat li dwaru persuna tinsab ħatja taħt din l-Ordinanza jkun jikkonsisti fil-produzzjoni, il-bejgħ jew traffikar ieħor f'mediċina msemmija f'din l-Ordinanza, u dik il-persuna jew ikollha liċenza taħt din l-Ordinanza jew taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika jew il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, jew ikollha *warrant* maħruġ taħt dik l-Ordinanza biex teżerċita professjoni, jew xogħol jew sengħa, jew ir-reat isir f'post li dwaru jkun hemm liċenza taħt din l-Ordinanza jew taħt l-Ordinanza qabel imsemmija, il-Qorti għandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni u b'żieda ma' kull piena oħra, tordna r-revoka ta' dik il-liċenza jew ta' dak il-*warrant* u malli jkun sar dak l-ordni kull liċenza bħal dik jew *warrant* bħal dak għandu jieqaf milli jkollu effett għall-finijiet kollha tal-liġi u b'mod partikolari għall-finijiet ta' din l-Ordinanza u ta' l-Ordinanza msemmija qabel.

Kap. 51

(7) Kull deċiżjoni kif imsemmija fis-subartikolu (3) li tordna l-konfiska ta' xi titolu ta' proprjetà immobbli għandha titqies li hi u għandha tiġi eżegwita bħal sentenza Ċivili li tittrasferixxi dak it-titolu favur il-Gvern, u l-Avukat Ġenerali għandu, għall-finijiet ta l-artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jitqies li hu l-parti nteressata li tista' tikseb ir-reġistrazzjoni ta' dak it-trasferiment.

(8) Meta jirriżulta lill-Qorti, li min jagħmel ir-reat ma jkunx persuna illi tikkoltiva, tipproduċi, tbiegħ jew xort'oħra tittraffika f'xi mediċina, u jkun jinħtieġ ħarsien u għajnuna medika biex jiġi rijabilitat, il-Qorti tista', minflok li tapplika xi waħda mill-pieni provduti fis-subartikoli ta' qabel, tordna li min jagħmel ir-reat jintbagħat f'istituzzjoni msemmija għal dak l-għan mill-Ministru responsabbli għas-saħħa sabiex ikun jista' jingħata l-kura meħtieġa.

Il-Qorti għandha tara li dak l-ordni jintbagħat minnufih lill-Ministru responsabbli għas-saħħa, u l-Ministru għandu jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa għall-ħarsien u kura ta' dik il-persuna.".

Emenda ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

6. Fl-artikolu 7 tal-liġi prinċipali, il-kelma *"sativa"* għandha titħassar.

7. L-artikolu 10 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-mediċini li għalihom tgħodd din it-taqsima ta' din l-Ordinanza huma dawk imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza."; u

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Jekk il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jidhirlu li xi mediċina oħra ta' kull xorta tkun li tkun, iġġib jew x'aktarx tista' iġġib, jekk ma tkunx użata kif imiss, jew tista' tinbidel f'sustanza li ġġib, jew x'aktarx tista' ġġib, jekk ma tkunx użata kif imiss, effetti ħżiena sostanzjalment ta' l-istess xorta jew natura bħal dawk jew analoga għal dawk li jġibu l-mediċini msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, l-imsemmi Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jagħmel kull żidiet, varjazzjonijiet jew tibdil għal dik l-Iskeda.".

8. Minflok il-kelma "Skeda" kull fejn tinsab fl-artikoli 12, 13, 14, 16 u 18 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "Tieni Skeda". Emenda ta' l-artikoli 12, 13, 14, 16 u 18 tal-liġi prinċipali.

9. Minnufih wara l-artikolu 26 tal-liġi prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġ Żieda ta' Skeda ġdida mal-liġi prinċipali.

"L-EWWEL SKEDA

Preparati li jkun fihom xi waħda mill-mediċini mdaħħlin fit-Taqsimiet I u II ta' din l-Iskeda suġġetti għall-eżenzjonijiet imniżżla fit-Taqsima III ta' din l-Iskeda

Taqsima I

ACETORFINA
ACETYLMETHADOL
ALLYLPRODINE
ALPHACETYLMETHADOL
ALPHAMEPRODINE
ALPHAMETHADOL
ALPHAPRODINE
ANILERIDINE
BENZETHIDINE
BENZYLMORPHINE
BETACETYLMETHADOL
BETAMEPRODINE
BETAMETHADOL
BETAPRODINE
BEZITRAMIDE
CANNABIS (Qanneb Indjan) — kull estratt jew tintura tiegħu
CLONITAZENE
KOKAJINA

CODOXIME

Konċentrat tal-ħaxixa tal-pepprin (il-materjal li jkun hemm meta l-ħaxixa tal-pepprin tkun daħlet fi proċess għall-konċentrament ta' l-alkolojdi tiegħu meta dak il-materjal isir disponibbli għall-kummerċ)

DESOMORFINA

DEXTROMORAMIDE

DIAMPROMIDE

DIETHYLTHIAMBUTENE

DIFENOXIN

DIHYDROMORPHINE

DIMENOXADOL

DIMEPHEPTANOL

DIMETHYLTHIAMBUTENE

DIOXAPHETYL BUTYRATE

DIPHENOXYLATE

DIPIPANONE

DROTEBANOL

EKOGNINA l-*esters* u d-derivattivi tiegħu li jistgħu jiġu konvertiti f'ekognina u kokajina

ETHYLMETHYLTHIAMBUTENE

ETONITAZENE

ETORFINA

ETOXERIDINE

FENTANYL

FURETHIDINE

HEROJINA

HYDROCODONE

HDROMORPHINOL

HYDROMORPHONE

HYDROXYPETHIDINE

ISOMETHADONE

KETOBEMIDONE

LEVOMETHORPHAN *

LEVOMORAMIDE

LEVOPHENACYLMORPHAN

LEVORPHANOL *

OPPJU MEDIĊINALI

METAZOCINE

METHADONE

METHADONE — INTERMEDJARJU

METHYLDESORPHINE

METHYLDIHYDROMORPHINE

METOPON

MORAMIDE — INTERMEDJARJU

MORPHERIDINE

MORFINA

METHOMBROMIDE TAL-MORFINA u d-derivattivi oħra tan-nitroġenu pentavalenti tal-morfina, inklużi b'mod partikolari d-derivattivi *morphine-N-oxide,* li wieħed minnhom hu *Codeine-N-Oxide*

MORPHINE-N-OXIDE

MYROPHINE

NICOMORPHINE

NORACYMETHADOL

NORLEVORPHANOL

NORMETHADONE

NORMORPHINE

NORPIPANONE

OXYCODONE

OXYMORPHONE

PETHIDINE — INTERMEDJARJU — A

PETHIDINE — INTERMEDJARJU — B

PETHIDINE — INTERMEDJARJU — Ċ

PHENADOXONE

PHENAMPROMIDE

PHENAZOCINE

PENOMORPHAN

PHENOPERIDINE

PIMINODINE

PIRITRAMIDE

PROHEPTAZINE

PROPERIDINE

RACEMETHORPHAN

RACEMORAMIDE

RACEMORPHAN

SUFENTANIL

THEBACON

THEBAINE

TILIDINE

TRIMEPERIDINE

L-*isomers*, kemm-il darba ma jkunux eskluż b'mod speċifiku, tal-mediċini f'din it-Taqsima ta' l-Iskeda kull meta jkun possibbli li jeżistu dawk l-*isomers*;

L-*esters* u l-*ethers*, kemm-il darba ma jidhrux f'Taqsima oħra ta' din l-Iskeda, tal-mediċini f'din it-Taqsima ta' l-Iskeda kull meta jkun possibbli li jeżistu dawk l-*esters* jew l-*ethers;*

Il-melħ ta' dawk il-mediċini mniżżlin f'din it-Taqsima ta' l-Iskeda, magħduda l-melħ ta' l-*esters*, *ethers* u *isomers* kif provdut hawn fuq kull meta jkun possibbli li jeżisti dak il-melħ.

* DEXTROMETHROPHAN u DEXTRORPHAN huma eskluż b'mod speċifiku minn din it-Taqsima ta' l-Iskeda.

Taqsima II

ACETYLDIHYDROCODEINE
KODEJINA
DEXTROPROPOXYPHENE
DIHYDROCODEINE
ETHYLMORPHINE
NICOCODINE
NICODICODINE
NORCODEINE
PHOLCODINE
PROPIRAM

L-*isomers*, kemm-il darba ma jkunux eskluži b'mod speċifiku, tal-mediċini f'din it-Taqsima ta' l-Iskeda kull meta jkun possibbli li jeżistu dawk l-*isomers* fl-isem kemikali speċifiku;

Il-melħ tal-mediċini mniżżlin f'din it-Taqsima ta' l-Iskeda, inkluż il-melħ ta' l-*isomers* kif provdut hawn fuq kull meta jkun possibbli li jeżisti dak il-melħ

Taqsima III

Eżenzjonijiet

1. Preparati ta':
ACETYLDIHYDROCODEINE
KODEJINA
DIHYROCODEINE
ETHYLMORPHINE
NICOCODINE
NICODICODINE
NORCODEINE, u
PHOLCODINE

meta jkunu komposti ma' ingredjent wieħed jew iktar u jkun fihom mhux aktar minn 100 milligram tal-mediċina f'kull unità ta' doża u b'konċentrament ta' mhux iżjed minn 2.5 fil-mija tal-preparati mhux separati.

2. Preparati ta' *propiram* li jkun fihom mhux iżjed minn 100 mg ta' *propiram* f'kull unità ta' doża u kompost ma' għall-anqas l-istess ammont ta' *methylcellulose*.

3. Preparati ta' kokajina li jkun fihom mhux iżjed minn 0.1 fil-mija ta' kokajina kalkolat bħala bażi ta' kokajina u preparati ta' oppju jew morfina li jkun fihom mhux iżjed minn 0.2 fil-mija ta' morfina kalkolat bħala bażi tal-morfina *anhydrous* u komposti ma' ingredjent wieħed ieħor jew iżjed u b'dak il-mod u l-mediċina ma tkunx tista' tinkiseb b'mezzi li tista' tapplikahom malajr jew f'estratt li jkun ta' ħsara għas-saħħa pubblika.

4. Preparati ta' ***difenoxin*** li jkun fihom f'kull unità ta' doża, mhux iżjed minn 0.5 mg ta' ***difenoxin*** u kwantità ta' *atropine sulfate* ekwivalenti għal mill-inqas 5 fil-mija tad-doża ta' ***difenoxin***.

5. Preparati ta' *diphenoxylate* li jkun fihom, f'kull unità ta' doża, mhux aktar minn 2.5 milligramm ta' *diphenoxylate* kalkolati bħala bażi ta' kwantità ta' *atropine sulfate* ekwivalenti għal mill-inqas wieħed fil-mija tad-doża ta' *diphenoxylate.*

6. *Pulvis ipecacuanhae et opii compositus* —

10 fil-mija ta' oppju fi trab

10 fil-mija *ipecacuanha root,* fi trab imħawwad sew ma

80 fil-mija ta' kull ingredjent ieħor f'forma ta' trab li ma jkun fih ebda mediċina.

7. Preparati li jkunu jaqblu ma' xi waħda mill-formuli mniżżlin f'din it-Taqsima ta' l-Iskeda u taħlitiet ta' dawk il-preparati ma' xi materjal li ma jkun fih ebda mediċina.".

10. L-Iskeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandha tkun magħrufa bħala "It-Tieni Skeda". Emenda ta' l-Iskeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 417 tal-21 ta' Lulju, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati